MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tat-3 ta' Ottubru, 2014

Citazzjoni Numru. 735/2011

**Prim Imħallef Emeritus Professur John Joseph Cremona bħala mandatarju ta' bintu msiefra Dottoressa Anne Abrahams**

**vs**

**Sandra Camilleri**

## Il-Qorti,

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat mill-attur nomine fl-1 t'Awissu 2011 fejn ġie premess:

Illi *entro* dawn l-aħħar xahrejn l-intimata fil-kors ta' xogħlijiet minnha ntrapriżi permezz ta' ħaddiema minnha nkarigati fil-fond ossia ħanut tagħha 20 Triq il-Kbira, Ħ'Attard, abbużivament faqgħet, kisret, u forzożament waqqgħet għan-naħa tal-esponent nomine, kisja ħoxna u soda ta' materjal qadim li kien jgħatti kompletament gradilja tal-ħadid f'fetħa fil-ħajt bejn l-imsemmi ħanut tal-intimata u kamrin tat-toilet fil-fond tal-imsemmija Dottoressa Abrahams u minnha ippossedut Casa Laura, 21 Triq il-Kbira, Ħ'Attard b'mod li hekk l-imsemmija gradilja u fetħa sfaw għal kollox mikxufin u l-imsemmi kamrin tat-toilet tal-esponent nomine ġie ovvjament suġġett għall-introspezzjoni mill-ħanut tal-intimata. Dan l-esponent jafu personalment.

Illi dan l-aġir sar b'mod vjolenti u / jew klandestin, u bih l-intimata kkommettiet u kkawżat spoll għad-dannu tal-esponent nomine *ai termini* tal-artikolu 535 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Għaldaqstant l-esponent nomine jitlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:

1. Tiddikjara li l-konvenuta kkommettiet u kkawżat spoll vjolenti u / jew klandestin għad-dannu tal-esponent nomine.

2. Tikkundanna lill-istess konvenuta sabiex fi żmien qasir u perentorju li jiġi lilha prefiss tagħmel a spejjez tagħha x-xogħlijiet neċessarji biex tirreintegra lill-esponent nomine fil-pussess billi terġa' tiksi b'kisi oħxon u sod bħal ta' qabel l-imsemmija gradilja u fetħa fil-ħajt bejn il-ħanut tal-intimata 20, Triq il-Kbira, Ħ'Attard, u l-fond tal-esponent nomine Casa Laura 21 Triq il-Kbira, Ħ'Attard, b'mod li kollox jerġa jitqiegħed fl-istat li kien qabel, u hekk tirrimwovi għal kollox

kull possibbilta' ta' introspezzjoni għal ġol-imsemmi kamrin tal-fond possedut mill-esponent nomine;

3. Fin-nuqqas li jsiru x-xogħlijiet fiż-żmien prefiss lill-intimata skont il-preċedenti talba, tawtorizża lill-esponenti nomine jagħmel hu x-xogħlijiet a spejjeż tal-konvenuta.

Bl-ispejjeż kollha kontra l-konvenuta, li minn issa hija nġunta għas-subizzjoni u b'riżerva ta' kull azzjoni oħra, senjatament dik għad-danni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-attur;

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenuta Sandra Camilleri preżentata fis-27 ta' Settembru 2011 fejn eċċepiet:

Illi fl-ewwel lok l-eċċipjenti mhijiex il-leġittima kontradittriċi u għalhekk għandha tkun liberata mill-osservanza tal-ġudizzju.

Illi fit-tieni lok u mingħajr ebda preġudizzju għas-sueċċepit, l-azzjoni hija perenta peress li l-akkadut seħħ aktar minn xahrejn qabel il-preżentata tar-rikors ġuramentat u kwindi t-talbiet attriċi għandhom ikunu miċħuda.

Illi fit-tielet lok, *dato ma non concesso* li l-azzjoni saret *entro* t-terminu tal-liġi, l-eċċipjenti ma kkommettiet ebda spoll fis-sens kif trid il-liġi u dan kif ser ikun pprovat fil-kors tal-kawża.

Salv eċċezzjonijiet jew risposti ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra l-attur nomine li huwa minn issa nġunt in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenuta.

Semgħet il-provi;

Rat l-atti proċesswali u l-verbal tas-seduta tad-9 ta' Lulju 2014 li permezz tiegħu l-kawża tħalliet għas-sentenza wara li l-avukati rispettivi ttrattaw debitament;

Ikkunsidrat;

Illi kif jidher ċar mir-rikors promotur din hija kawża ta' spoll. L-attur nomine jsostni li l-konvenuta kkommettiet dan l-ispoll meta saru xi xogħlijiet fil-proprjeta' tal-konvenuta li kkawżaw ir-riżultanzi msemmija fuq il-proprjeta' tal-mandanti tiegħu. Illi kif hu magħruf huma tlieta l-elementi rikjesti biex azzjoni ta' spoll tirnexxi, u ċjoe':

1. il-pussess – ***possedisse;***

2. l-azzjoni spoljattiva li tkun saret bil-moħbi jew kontra l-volonta' tal-attur – ***spoliatum fuisse;*** u

3. li l-azzjoni ssir fi żmien xahrejn minn meta jkun seħħ l-ispoll – ***infra bimestre deduxisse***.

Illi l-konvenuta l-ewwelnett eċċepiet illi mhijiex il-leġittimu kontradittriċi. Madankollu hija stess xehdet li għalkemm ix-xogħol ma għamlitux hi personalment, dan l-istess xogħol sar fuq ordni tagħha. Għalhekk, hija l-persuna li kellha tiġi ċitata. L-eċċezzjoni li ma ġiex kommess spoll ukoll mhijiex sostenibbli għaliex jirriżulta mill-istess depożizzjoni tagħha li permezz tax-xogħol li sar fuq ordni tagħha rriżultaw il-fatti ndikati mil-attur nomine fir rikors tiegħu. Kwindi, l-kwistjoni prinċipali f'din il-kawża hija jekk meta ġiet istitwita l-azzjoni kienux għaddew ix-xahrejn imsemmija fl-artikolu 535 tal-Kodiċi Ċivili li jirrigwardja l-istitut tal-ispoll.

Illi dwar dan l-istitut naturalment hemm diversi sentenzi li jindikaw ċar u tond l-essenza tiegħu.

Illi kif ingħad fis-sentenza **"Delia vs Schembri"** (deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fl-4 ta' Frar 1958):

*"L-azzjoni ta' spoll isservi biex tipproteġi l-pussess, ikun x'ikun ... li jiġi vjolentement jew okkultament meħuda mingħand il-possessur jew detentur, u ġie deċiż kemm-il darba li tapplika wkoll għat-tutela tal-kważi pussess tad-drittijiet legali u hija inerenti għall-fatt ta' min b'awtorita' privata ... jagħmel għad-dannu ta' terza persuna att li għalkemm jista' jkollu dritt għalih ma jistax jeżerċitah mingħajr intervent tal-Qorti."*

Illi fi kliem **Pacifici Mazzoni** spoll vjolent huwa *"qualunque atto arbitrario che per forza privata si compia contro la volontarieta' dello spogliato"* (Vol III Sez. 52).

Illi kif ukoll intqal fil-kawża **"Margherita Fenech vs Pawla Zammit"** deċiża fit-12 ta' April 1958:

*"L-actio spolii hija radikata pjuttost fuq l-esiġenzi ta' utilita' soċjali milli fuq il-prinċipju assolut ta' ġustizzja hija eminentement intiża l-protezzjoni ta' kwalunkwe pussess u jiġi mpedut liċ-ċittadin privat li jieħu l-liġi f'idejh; b' mod li l-fini tagħha huwa dak li jiġi restawrat l-istat tal-pussess li jkun ġie skonvolt jew turbat."*

Illi ċitazzjoni oħra rilevanti hija fis-sens li:

*"Kif kellha okkażjoni tesprimi ruħha l-Onorabbli Qorti tal-Appell, l-indaġini li trid issir hija waħda limitatissima, rigoruża u skarna u ma tinsab f'ebda leġislazzjoni oħra, u kompliet tgħid illi għalhekk indaġinijiet ibbażati fuq x'jgħidu u ma jgħidux ġuristi u awturi Franċiżi u Taljani huwa għal kollox irrilevanti u inapplikabbli fil-kuntest tal-ordinament ġuridiku tagħna."* (Appell Ċivili fl-ismijiet **"Cardona vs Tabone"** deċiż fid-9 ta' Marzu 1992).

Illi l-Qorti tal-Appell, b'riferenza għaż-żmien li fih ikun sar l-ispoll fil-kawża **"Camilleri vs Bonello"** deċiża fil-5 t'Ottubru 1998, qalet illi:

*"F'azzjoni possessorja ta' din ix-xorta l-att turbattiv tal-pussess li ta lok għaliha għandu dejjem ikun identifikabbli u għandu jiġi bi preċiżjoni identifikat (spolitaum fuisse) bħala fatt li sar fi żmien determinat mhux biss għaliex mill-mument meta javvera ruħu li d-dekadenza estintiva tal-azzjoni jibda jiddekorri, imma wkoll għaliex it-talba jeħtieġ tkun għar-reintegrazzjoni tal-attur.*

Illi huwa dejjem l-attur li jrid jipprova li l-kawża istitwiha *entro* x-xahrejn, skont f'diversi sentenzi anke riċenti tal-Qorti tal-Appell u dan peress li din hija element kostituttiv tal-istess azzjoni; dan joħroġ ċar fis-sentenza fl-ismijiet **"Trevor Arends vs Veronique Mizzi"** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-11 ta' Jannar 2013. Dan anke meta ma ssirx eċċezzjoni f'dan is-sens.

Illi forsi aktar speċifikatament fil-kawża **"Georgina Borg vs Errol Cassar et"** deċiża fil-21 t'Ottubru 2002, ċitata fis-sentenza imsemmija, il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, dwar it-terminu ta' xahrejn f'azzjoni ta' spoll qalet illi:

*"...it-terminu ta' xahrejn li fih l-attur irid jiddeduċi l-pretensjoni tiegħu huwa element essenzjali ta' din l-azzjoni li jeħtieġ li jiġi konkludentement pruvat mill-attur. Prova li trid issir f'kull każ ta' din ix-xorta imma li ssir sine qua non meta l-parti konvenuta teċċepixxi bħal dan il-każ il-preskrizzjoni tagħha bid-dekors tal-perjodu estintiv ta' xahrejn."*

Illi *oltre* dan, illum huwa ukoll paċifiku illi x-xahrejn jibdew jgħaddu minn meta jsir l-ispoll u mhux minn meta l-attur isir jaf bih; sentenza riċenti f'dan is-sens hija dik fl-ismijiet **"Reġistratur tal-Qrati u Tribunali ta' Għawdex vs Maltapost plc"** (deċiża fis-27 ta' Ġunju 2014) fejn ingħad illi:

*"Dan kollu jindika li l-importanza li din l-azzjoni tiġi trattata u deċiża malajr toħroġ appuntu mill-utilita' soċjali li ħadd ma jieħu l-liġi b'idejh u allura jekk xi ħadd jagħmel dan ikollu jerġa' jirripristina l-**istatus quo ante**. Huwa għalhekk li l-liġi tesiġi li l-kawża tiġi stitwita fi żmien qasir u l-ġurisprudenza stabbiliet li dak it-terminu jibda għaddej minn meta jseħħ l-ispoll. Kif ġie deċiż*

*appuntu fil-kawża msemmija mill-istess appellant, u ċjoe' dik deċiża fis-7 ta' Frar 1958 mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, fl-ismijiet* ***"Michael Mamo vs Philip Grima"*** *iż-żmien tal-azzjoni jibda mill-ġurnata tal-ispoll u mhux minn meta l-attur sar jaf bih, u kwindi l-azzjoni tkun perenta jekk tiġi eserċitata wara xahrejn minn meta jkun sar l-ispoll avolja l-attur ma kienx jaf bl-ispoll fil-waqt. Lanqas jiswa li l-attur ikun ipprotesta ġudizzjarjament kontra l-ispoll għaliex it-terminu ta' xahrejn huwa ta' dekadenza u għalhekk bħala regola mhux suġġett għar-regoli tal-preskrizzjoni."*

Illi f'dan il-każ, l-attur induna x'kien sar f'nofs Ġunju tas-sena 2011 u wara tkellem mal-konvenuta fuq it-telefon u staqsiha meta beda x-xogħol; skont hu qaltlu li kien f'dak l-istess xahar. Naturalment wieħed jistenna li l-attur bħala bniedem li jaf sewwa l-liġi jagħmel dik il-mistoqsija biex ikun jaf x'għandu jagħmel u meta jagħmel dan.

Illi l-konvenuta da parti tagħha meta xehdet qalet li x-xogħol bdietu f'April u tellgħet jixhed lil Francis Scicluna li kien il-kuntrattur li għamel ix-xogħol in kwistjoni, u dan sostna l-verżjoni tagħha għax skont hu kien żmien il-gamiem u dan ikun f'April sa Mejju.

Illi rinfaċċjata minn dawn iż-żewġ verżjonijiet, il-Qorti filwaqt li ma tattribwixxi xejn lil ħadd, jidhrilha li l-verżjoni tal-attur hija aktar attendibbli għaliex naturalment kif ġja' ntqal, huwa kien ben konxju tal-importanza li jkun jaf meta saru x-xogħlijiet, mentri għall-konvenuta inizjalment dan ma kien ifisser xejn u allura kienet qed tgħid is-sewwa meta qaltlu li x-xogħol sar f'Ġunju. *Oltre* dan, ma hemmx dubju li l-attur sar jaf b'dak li ġara f'Ġunju u li l-ħaddiema kienu għadhom hemm. L-istess konvenuta xehdet li x-xogħol intemm fi ftit żmien qasir sew; allura l-probabbilta' hija li x-

xogħol sar f'Ġunju u għaldaqstant l-azzjoni saret *entro* x-xahrejn imsemmija fil-liġi.

**DEĊIŻJONI**

**Għal dawn il-motivi, il-Qorti tiddeċiedi din il-kawża billi tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenuta u tilqa' t-talbiet kollha tal-attur. Għall-fini tat-tieni talba l-Qorti tipprefiġġi terminu ta' xahar, filwaqt li tinnomina lill-Arkitett u Inġinier Ċivili Alan Saliba bħala espert tekniku sabiex f'kull każ jissorvelja x-xogħlijiet neċessarji.**

**L-ispejjeż tal-kawża jkunu a kariku tal-konvenuta.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------